# 400 SENA ILU

**Fid-19 ta' Marzu 1577, sewwa kew 400 sena ilu, maghfus bis-snin u mnikket bid-dwejjaq, miet ġo Ruma, 'l bogħod mid-Djoċesi tiegħu, l-Isqof ta 'Malta, Mons. Martino Royas.**

**Jekk tfittxu d-data tal-mewt tiegħu fil-"History of the Church in Malta", ippubblikat minni, issibu din il-mewt imniżżla fid-19 ta' Awwissu 1577, għax jien imxejt fuq dak li kiteb qabli Akille Ferris fil-Ktieb tiegħu "Storia Ecclesiastica di Malta". Iżda, qabel ħareġ il-ktieb tiegħi, jiena sibt fil-"Hierarchia Catholica" ta' Eubel il-mewt ta' Royas imniżżla fid-19 ta' Marzu. U billi l-Eubel huwa kittieb awtorevoli fuq l-Isqfijiet jew aħjar fuq il-Gerarkija Kattolika, għamilt korrezzjoni fl-aħħar tal-volum qabel ma ġie pubblikat. Għax deherli li għandi noqgħod iżjed fuq dan l-awtur milli fuq oħrajn, sakemm ma jkollix provi kuntrarji. Dan qed ngħidu biex wieħed ma jgħidx li biddilt id-data kappriċċożament, biex ngħaqqad illum ma dakinhar.**

## *Minn Mons. Prof. A. Bonnici*

Min kien u x'nafu fuq dan l-Isqof? Martino Royas kien qassis minn Portalruvio fil-parti ċentrali ta' Spanja, imsejħa Kastilja. Wara studju, ħa l-lawrja fil-Liġi Ekkleżjastika u Ċivili u ġie milqugħ bħala Kappillan fl-Ordni Gerosolmitan ta' San Gwann. Għall-għerf u l-prudenza tiegħu, il-Grammastru D'Omedes u l-Kunsill tal-Ordni għażluh Viċi-Kanċillier fl-1543.

Matul iż-żmien f'din il-kariga Mons. Royas kellu l-opportunita' li jirrappreżenta lill-Ordni imsemmi matul it-tielet sessjoni tal-Konċilju Tridentin, li saret fis-snin 1562-63. Drabijiet oħra l-Ordni sserva bih bħala Ambaxxatur f'diversi Qrati tal-Ewropa.

**IPPREZENTAT GHAL-VESKOVAT**

Wara l-mewt tal-Isqof Domenico Cubelles, li ġrat fit-22 ta' Novembru 1566, il-Grammastru La Valette u l-Kunsill tal-Ordni, skond il-privileġġ li kellhom, ippreżentaw lir-Re ta' Spanja Filippu II tliet qassisin għalbiex jinħatar wieħed minnhom Isqof ta' Malta. Dawn kienu il-Gran Prijol Antonio Cressino, il-Viċi-Pirjol Gio-Pietro Mosquet u l-Viċi-Kanċillier, Martino Royas.

Ir-Re ppreżenta lil dan tal-aħħar lis-Santa Sede u talab il-ħatra tiegħu bħala Isqof. Il-Papa, li kien il-qaddis Piju V, ma nnominax lil Mons. Royas Isqof għaliex irċieva xi rapporti kontra tiegħu. Royas iddefenda ruħu u rnexxielu juri l-falsita' ta' dawk ir-rapporti. Iżda sadattant laħqu għaddew xejn inqas minn sitt snin, u kien fil-5 ta' Novembru 1572 li Papa Gregorju XIII ħatru Isqof ta' Malta, filwaqt li kien Ruma.

Fl-aħħar jien tas-sena l-Isqof il-ġdid reġa lura Malta, akkompanjat mill-konċittadin tagħna Antonio Zahra, Isqof ta' Vico, li ġie jara lil niesu f'pajjiżna.

Bħala Isqof, lill-Mons. Royas ingħataw il-poteri ta' Inkwiżitur Delegat mill-Papa, bi brevi li jġib id-data tal-20 ta' April 1573, għax sa dak iż-żmien ma kienx għadu twaqqaf f'Malta it-Tribunal tal-Inkwiżizzjoni.

Għalkemm Mons. Royas, qabel ma laħaq Isqof, kien, kif għidna, Viċi-Kanċellier tal-Ordni, b'dana kollu, meta sar Isqof kellu x'jaqsam mal-Grammastru La Cassiere. U billi Royas kien bniedem li ma jaħfirha lill-

**(Ikompli fil-paġna 4)**

# 400 SENA ILU

(Jaqbad mill-paġna 3)

ħadd, irrappurtaħ lis-Santa Sede li kien qed iżeblaħ lill-kleru u lill-awtorita' veskovili bl-imġieba tiegħu. Il-Grammastru, li daqsu kien rasu iebsa, iddefenda ruħu u l-Isqof mar Ruma ħa jiddefendi l-kawżą tiegħu personalment.

### TALBA GHAL VIZITATUR

Il-Grammastru, min-naħa tiegħu, talab lill-Papa jibgħat Malta persuna ta' fiduċja fi ħsieb is-Santa Sede, mogħnija bil-fakoltajiet xierqa u meħtieġa biex jiġġudika l-fatti mill-qrib. Hekk tfaċċa f'Malta Viżitatur Appostoliku b'fakoltajiet delegati ta' Inkwiżitur. Dan kien il-wisq magħruf mill-istoriċi ta' Malta, Mons. Pietro Dusina, li wasal fi Gżiritna fl-1 ta' Awwissu 1574, bit-titlu ta' Delegat Appostoliku, Inkwiżitur u Viżitatur Generali.

Din il-missjoni ma għoġbitx lill-Isqof Royas, għax, kif għidna, huwa kien Inkwiżitur Delegat f'Malta u ma ħax gost li qegħdu miegħu Awtorita' Ekkleżjastika oħra. Hekk ħasibha wkoll il-Kapitlu tal-Katidral. Iżda dawn ma setgħux jeħduha kontra r-rieda tas-Santa Sede.

Il-Grammastru, min-naħa tiegħu, laqa' bil-qalb lid-Delegat Mons. Dusina u ordna l-qari tal-brevi appostoliku. Dan sar f'San Gwann nhar it-8 ta' Awwissu. Fl-14 ta' Jannar 1575, il-Grammastru ordna linnies biex jagħarfu u jobdu lill-Viżitatur Appostoliku. U nbdiet il-magħrufa Viżta Appostolika tiegħu, li hi ġrajja ta' importanza l-aktar kbira fl-istorja tal-Knisja ta' Malta. Imma fuq din il-Viżta għad nitħaddtu fittul xi darb'oħra.

Sadattant, fl-1574, Ruma qegħdet lill-Mons. Pier Francesco Costa bħala Kuġitur tal-Isqof u Soprintendent biex igħinu. Dan Costa kien dak li, iżjed 'l quddiem, fis-snin 1583-85, serva bħala **Inkwiżitur** f'Malta, imbagħad sar Isqof ta' Savona u fl-aħħar Nunzju Appostoliku għad-Dukat ta' Savoja.

Hemm fil-Kurja Arċiveskovili ta' Malta volumett ta' xi 50 follio, miktubin minn quddiem u minn wara, li fihom hemm imniżżlin l-atti tal-Viżta Pastorali li Mons. Royas għamel matul il-veskovat tiegħu.

### DOM MAWRU INGUANEZ

Nirringrazzjaw lill-mejjet benedittin Dom Mawru Inguanez, li kien Biblijotekarju ta' Monte Cassino, u meta ġie Malta l-Gvern bil-għaqal ħatru u taħ f'idejh it-tmexxija tal-Biblijoteka Pubblika tagħna. Għax bis-saħħa tiegħu dawk il-folji sfużi li ruħhom fi snienhom ġew restawrati u msaħħin b'ħarir finissimu u trasparenti u llegati f'volum li wieħed jista' jikkonsulta bla biża' ta' tqattiegħ.

Kull darba li jaqa' taħt idejja dak il-volumett, mingħajr ma' rrid, inħoss il-preżenza tal-Isqof Royas ħdejja, avolja għaddew 400 sena minn mindu miet. Huma volumi bħal dawn li jżommu ħajjin għal sekoli sħaħ in-nies tal-qedem, li isimhom jinżel b'hekk fl-Istorja.